MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Numru 405/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO HABER**
**KONTRA**

**SULEQA ADAM SULIEIMAN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Suweqa Adam Sulieman ta’ Nazzjonalita’ Somala, mwielda f’ Mogadishu Somalja fl- 1991, bint Adam Sulieiman u Kos Awsal, bin- numru tal- Pulizija 09M-048;

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fil- 25 ta' April 2010 u fil- jiem ta' qabel f' dawn il-Gzejjer iffalsifikat, biddlet jew ghamlet xi tibdil f' dokument tal- ivjaggar, permess tar- residenza u Karta tal- Identita' jew uzat jew kellha fil- pussess taghha id- dokumenti msemmija, li hi kienet taf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f' isem Aden Suleyman Safiya bin- numri 0198421AC, 942294 u AR 1709615 rispettivament;
2) Kif ukoll akkuzata talli matul l- istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija;
3) Kif ukoll akkuzata talli matul l- istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifikat xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l- Att dwar l- Immigrazzjoni;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni bikrija tal-imputata, din il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront taghha. Il-Qorti giet informata ukoll li l-imputata kienet qed tistenna tarbija, u kienet fi stat ta' sahha dghajfa. Di fatti, il-partijiet qablu li ghandu jkun hemm klemenza fil-piena fis-

sentenza odjerna, u bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 5 tal- Kapitolu 61, l- Artikolu 189 tal- Kapitolu 9 u l- Artikolu 32 (1d) tal- Kapitolu 217 tal- Ligijiet ta' Malta

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannaha sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------